# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tal-interviews għal posizzjoni ta' ***Clerk FULL-TIME WITH REDUCED HOURS*** [***Scale 15***] tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 29 ta' Lulju, 2011, fis-5.45pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.
2. Is-sinjorina Josianne Grech daħlet għal interview fis- 6pm.
3. Intemmet l-interview tas-sinjorina Grech fis- 6.15pm.
4. Is-sinjorina Moira Azzopardi daħlet għal interview tagħha fis- 6.20pm
5. Intemmet l-interview tas-sinjorina Azzopardi fis-6.30 pm

**Punti mill-Minuti**

6. Il-kunsilliera ddiskuttew fid-dettall iż-żewġ kandidati.
7. Is-Sindku għażel lis-sinjorina Grech għaliex ħass li l-erbatax is-sena esperjenza tagħha ġol-Kunsill ta' Tarxien ikunu utli għalina, u wkoll għaliex għanda ċertifikati tal-kompjuter li l-kandidata l-oħra ma kelliex.
8. Il-kunsillier Eddie Bonello għażel is-sinjorina Azzopardi. Ħa d-deċizzjoni hekk għax jemmen li jkun utli li jkollna persuna mir-raħal li taf il-post u n-nies sew, waqt li għanda sentejn esperjenza ġo Kunsill u ħafna snin esperjenza fil-Customer Care ġo bank u fl-opinjoni tiegħu, minbarra hekk, għanda ċ-ċertifikati kollha mitluba, u aktar mill-kandidata l-oħra.
9. Il-kunsillier Francis Callus ivotta favur is-sinjorina Azzopardi. Jemmen li l-fatt li hi tgħix viċin tkun favurina waqt li xorta għanda l-esperjenza xierqa għal dan it-tip ta' xogħol.
10. Il-kunsillier Jerome Busuttil iħoss li l-esperjenza tas-sinjorina Josianne Grech fil-Kunsill Lokali ta' Tarxien, li hi ta' erbatax il-sena, itiha vantaġġ fuq il-kandidata l-oħra u għalhekk resaq il-vot tiegħu favur tagħha.

11. Il-viċi Sindku astenja. Qal li t-tnejn għandhom kapaċijiet, esperjenza u CV's tajbin u kien diffiċli biex jivotta favur waħda minnhom biss.

12. B'żewġ voti għal kull persuna, u b'vot astenjat, is-sinjorina Grech kienet magħżula b'*Casting vote* tas-Sindku. L-applikanti għandhom jiġu nformati bl-għażla mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

13. Il-laqgħa intemmet fit-7.40pm

Approvati llum 10/08/2011

Sindku

Deputat Segretarju Eżekuttiv